**Mistoqsija għal tweġiba orali O-000059/2023**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura
**Niels Fuglsang** (S&D), **Thomas Waitz** (Verts/ALE), **Günther Sidl** (S&D), **Sarah Wiener** (Verts/ALE), **Emil Radev** (PPE), **Michaela Šojdrová** (PPE), **Sirpa Pietikäinen** (PPE), **Heidi Hautala** (Verts/ALE), **Annika Bruna** (ID), **Caroline Roose** (Verts/ALE), **Pascal Durand** (S&D), **Pierre Larrouturou** (S&D), **Martin Buschmann** (NI), **Manuela Ripa** (Verts/ALE), **Martin Häusling** (Verts/ALE), **Maria Noichl** (S&D), **Anna Deparnay-Grunenberg** (Verts/ALE), **Grace O'Sullivan** (Verts/ALE), **Mario Furore** (NI), **Rosa D'Amato** (Verts/ALE), **Tiziana Beghin** (NI), **Petras Auštrevičius** (Renew), **Tilly Metz** (Verts/ALE), **Anja Hazekamp** (The Left), **Sylwia Spurek** (Verts/ALE), **Francisco Guerreiro** (Verts/ALE), **Martin Hojsík** (Renew), **Michal Wiezik** (Renew), **Malin Björk** (The Left), **Marisa Matias** (The Left), **Ville Niinistö** (Verts/ALE), **Marianne Vind** (S&D), **Christel Schaldemose** (S&D), **Karen Melchior** (Renew), **Alice Kuhnke** (Verts/ALE), **Pär Holmgren** (Verts/ALE), **Marina Kaljurand** (S&D), **Mick Wallace** (The Left), **Henna Virkkunen** (PPE), **Róża Thun und Hohenstein** (Renew)

Suġġett: Reviżjoni mwiegħda tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali u l-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej relatati mat-trattament xieraq tal-annimali

Fl-istrateġija tagħha mill-għalqa sal-platt, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrevedi l-leġiżlazzjoni attwali tal-UE fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali sat-tielet kwart tal-2023. F'Lulju 2021, bi tweġiba għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE) intitolata "End the Cage Age", li ġabret aktar minn 1.4 miljun firma, il-Kummissjoni tenniet l-impenn tagħha li tadotta projbizzjoni fuq il-gaġeġ għall-ispeċijiet li kienu s-suġġett tal-IĊE. Il-Kummissjoni nnotat li din il-projbizzjoni se tiġi kkunsidrata fil-kuntest tar-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE ta' 20 sena fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali. Sadanittant, f'inqas minn 10 xhur, l-IĊE intitolata "Fur Free Europe", li titlob projbizzjoni fuq trobbija tal-annimali għall-fer fl-UE u fuq it-tqegħid fis-suq ta' prodotti derivati minn farms tal-fer, ukoll ġabret aktar minn 1.5 miljun firma.

F'nofs Ottubru, l-Ewrobarometru ppubblika stħarriġ speċjali ġdid dwar l-attitudnijiet tal-Ewropej fir-rigward tat-trattament xieraq tal-annimali, li kkonferma l-appoġġ enormi taċ-ċittadini tal-UE għal regoli aħjar fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali fl-UE.

Madankollu, meta ppreżentat il-programm ta' ħidma tagħha għall-2024, il-Kummissjoni kkonfermat li se tippubblika biss il-proposta dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport, u rreferiet għall-ħtieġa ta' aktar valutazzjonijiet u djalogu dwar il-proposti l-oħra mistennija intiżi sabiex jirrevedu l-leġiżlazzjoni antikwata tal-UE fil-qasam tat-trattament xieraq tal-annimali. Madankollu, il-bdiewa, l-industrija, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet ikkonċernati oħra ilhom jiddiskutu din ir-reviżjoni għal diversi snin, mhux biss permezz tal-gruppi ta' djalogu ċivili tas-soltu stabbiliti mill-Kummissjoni, iżda wkoll permezz tal-Pjattaforma tal-UE dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali u d-diversi sottogruppi tagħha. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-proċess ta' Regolamentazzjoni Aħjar, saru żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi bi tħejjija għar-reviżjoni, li waħda minnhom ġabret kważi 60 000 risposti, u b'hekk ġie reġistrat wieħed mill-ogħla livelli ta' parteċipazzjoni fost il-konsultazzjonijiet tal-UE. L-istituzzjonijiet tal-UE wettqu wkoll ħidma sinifikanti, inklużi bosta opinjonijiet xjentifiċi ppubblikati mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, li jappoġġjaw ir-reviżjoni.

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni ppubblikat proposta dwar it-trattament xieraq tal-annimali tal-kumpanija, li inizjalment kienet mistennija li tkun parti mill-"proposta dwar l-annimali miżmuma" li tkopri kamp ta' applikazzjoni ħafna akbar. Għalkemm il-proposta dwar l-annimali domestiċi hija milqugħa tajjeb, għad hemm tħassib rigward l-adozzjoni tal-bqija tal-proposta inizjali.

F'dan il-kuntest:

Il-Kummissjoni tista' tipprovdi pjan li jkun fih skeda ta' żmien ċara għat-twettiq tal-proposti leġiżlattivi ripetutament imwiegħda minnha matul dan it-terminu, iżda li għadhom sospiżi, b'mod partikolari:

1. proposta għal regolament dwar it-trattament xieraq tal-annimali miżmuma għal skopijiet ekonomiċi,

2. proposta għal regolament dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qtil, u

3. proposta għal regolament dwar it-tikkettar relatat mat-trattament xieraq tal-annimali?

Imressqa: 15.12.2023

Skadenza: 16.3.2024